# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Twanny Grima**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Twanny Grima**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 237077M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fl-14 ta' Novembru 2014 għal ħabta tal-05:30 pm ġewwa il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta, u matul l-aħħar xhur qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, bħala persuna li mhix Uffiċjal tal-Ħabs jew persuna oħra mpjegat fil-Ħabs, mingħajr l-Awtorita leġittima daħħal, jew ippruva jddahhal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett li jkun li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarr jew ippruva jġorr xi oġġett bħal dak barra mill-ħabs u dan bi ksur tal-Artiklu Art 7 (1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-Artiklu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija hija titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali liema sentenzi

kienu mogħtija lil Twanny Grima u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti ippreżentati;

Semgħet il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semgħet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward tal-konsegwenzi li jitnisslu minn din id-dikjarazzjoni ta' ħtija, inkluż li jista' jingħata piena ta' priġunerija fil-każ li huwa jtenni l-ammissjoni u wara li tatu żmien qasir sabiex jekk irid setgħa jerġa lura mill-ammissjoni tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa kien inkondizzjonatament ħati.

Fid-dawl ta' din l-istqarrija ta' ħtija imtennija, din il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

# ***<u>Decide</u>***

Li qegħda ssib lill-imputat, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 7(1) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 23, 33A, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, u qieset l-ammissjoni bikrija tiegħu

nonche ċ-ċirkostanzi li sawru dan il-każ, qegħda tikkundannah għall-piena ta' xahar priġunerija.

Inoltre, il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni a karigu tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali tal-eżibit markat dok HC1.

***Mogħtija illum it-18 ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***